Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,587, 17 ta' Frar, 2026

Taqsima B

A.L. 43 tal-2026

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar l-Iskema ta' Investiment Seed

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2)(b) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar l-Iskema ta' Investiment Seed u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar l-Iskema ta' Investiment Seed, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regoli prinċipali". L.S. 123.213.

Jemenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

2. It-tifsira "entità kompetenti" fir-regola 2 tar-regoli prinċipali għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "entità kompetenti" tfisser il-Malta Government Venture Capital Limited reġistrata taħt il-liġijiet ta' Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni "C 108058";".